# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 28 ta' April 2022**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 486/2018 JVC**

**Carmen Castillo numru tal-karta tal-identità 698451(M), Mary Grace Mifsud numru tal-karta tal-identità bin-numru 774253(M), Anna Maria Massa numru tal-karta tal-identità 37966(M) u Miriam Spiteri numru tal-karta tal-identità 346059(M), Joseph Mifsud li ghandu passaport Malti bin-numru 1092978**

**vs**

**Martin Mifsud karta tal-identita` numerata 0605354M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Carmen Castillo et ikkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

'<u>Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża</u>

1. Illi l-kontendenti huma ahwa, lkoll ulied Giorgio u Salvina konjuġi Mifsud, salv ghal Mary Grace Mifsud li hi armla minn Raymond Mifsud, ħu l-kontendenti l-ohra.

2. Giorgio Mifsud miet fit-13 ta' Jannar 2004, b'testment in atti tan-Nutar Dottor Patricia Vella Haber tat-23 ta' Gunju 2003 (Dok. 'A', 'B' u 'C') filwaqt li Salvina Mifsud mietet fit-2 ta' Ġunju 2016, b'testment in atti tan-Nutar Dottor Patricia Vella Haber tat-23 ta' Ġunju 2004 (Dok. 'D', 'E' u 'F''). Raymond Mifsud miet fl-24 ta' Frar 2017, b'testment in atti tan-Nutar Dottor Patricia Vella Haber tas-17 ta' Diċembru 2014 (Dok. 'G, 'Gu 'H').

3. Il-kontendenti Carmen Castillo, Joseph Mifsud, Martin Mifsud, Miriam Spiteri u Anna Maria Massa huma l-eredi universali tal-ġenituri tagħhom; Mary Grace Mifsud hija l-eredi universali ta' ħu l-kontendenti l-ieħor Raymond Mifsud.

4. Bejn il-kontendenti fadal parti mill-eredita' ta' Giorgio u Salvina konjuġi Mifsud illi għada fi stat ta' indiviżjoni; din tikkonsisti principalment f'depożiti bankarji ghajr dawk miżmuma gewwa l-Bank of Valletta plc li diga' gew żbankati mill-kontendenti.

5. Ir-rikorrenti jixtiequ li dawn id-depoziti bankarji jigu żbankati u diviżi bejn il-kontendenti skont il-laxxitu ta' Giorgio u Salvina konjuġi Mifsud.
6. L-intimati, nterpellati diversi drabi sabiex jersqu ghal tali żbank u sussegwenti diviżjoni baqghu inadempjenti.

Raguni tat-Talba

Għar-raġunijiet premessi, kellhom jiġu stitwiti dawn il-proċeduri.

Talbiet:

Jgħidu għalhekk l-intimati 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:

1. Tiddividi, okkorrendo bl-opera ta periti nominandi, d-depożiti bankarji kollha rimanenti, intestati f'isem Giorgio u Salvina miżżewwgin Mifsud bejn il-kontendenti, skont dik il-kwota li kull wieħed jew waħda mill-istess kontendenti jiġi dikjarat li għandu dritt għaliha, u allura ugwalment bejniethom.

2. Tordna u tawtorizza illi d-depożiti bankarji skont kif diviżi in segwitu għall-ewwel talba, jigu żbankati mill-kontendenti skont dik il-kwota li kull wieħed jew waħda mill-istess kontendenti jiġi dikjarat li għandu dritt għaliha, mingħajr il-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni ulterjuri mill-kontendenti l-oħra, mill-banek jew istituzzjonijiet finanzjarj, li magħhom ser jirriżultaw li huma depożitati il-flejjes mertu ta' din il-kawża.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u b'riżerva ta' kull azzjoni spettanti lill-esponenti.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Martin Mifsud li taqra kif isegwi:

1. ‘ILLI fl-ewwel lok u in linea preliminari l-irritwalita' tar-rikors guramentat promutur in kwantu jirrizulta li l-attur Joseph Mifsud huwa assenti minn dawn il-gzejjer.

2. ILLI fit-tieni lok u in linea preliminari wkoll m'hemmx dubbju li din il-kawza hija ghal kollox mhux flokha u ma kenitx mehtiega peress illi l-eccipjenti qatt ma oppona li l-qasma tal-wirt issir b'mod bonarju purche din issir b'mod shih u skond il-ligi u t-testmenti in kwistjoni u kulhadd jiehu dak li haqqu skond il-Ligi u t-testmenti in kwistjoni izda r-rikorrenti la riedu l-qasma ssir b'mod shih u di piu qedin icahhdu lill-eccipjenti mis-sehem tieghu skond il-Ligi u ghalhekk l-esponenti qed jipprevalixxi ruhu mid-dritt lilu mghoti taht il-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bil-prezenti qed jintavola Kontro-Talba kontra l-atturi sabiex jirribadixxi dan kollu.

3. ILLI ghal fini ta' divizjoni u qasma ghandha l-ewwel tigi stabbilita u komposta l-massa ereditarja intiera tad-defunti.

4. ILLI salv kif hawn fuq premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

5. SALVI, jekk ikun il-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet ulterjuri.

**BL-ISPEJJEZ** kollha kontra l-atturi.’.

Rat il-kontro-talba tal-intimat Martin Mifsud fejn ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. ‘ILLI l-kontendenti huma lkoll ahwa ulied il-mejtin Giorgio u Salvina konjugi Mifsud, hlief ir-rikorrenti Mary Grace Mifsud li hi l-armla ta' hu l-kontendenti Raymond Mifsud li gie nieqes.

2. ILLI l-mejjet mibki Giorgio Mifsud (missier l-intimat rikonvenzjonant) gie nieqes fit-13 ta' Jannar 2004 u s-successjoni tieghu hi regolata b'testment in atti Nutar Dottor Patricia Vella Haber tat-23 ta' Gunju 2003 (Vide Dok 'A', 'B' u 'C' mar-rikors guramentat promutur).

3. ILLI l-mejta mibkija Salvina Mifsud (omm l-intimat rikonvenzjonant) giet nieqsa fit-2 ta' Gunju 2016 u s-successjoni taghha hi regolata b'testment in atti Nutar Dottor Patricia Vella Haber tat-23 ta' Gunju 2004 (Vide Dok 'D', 'E' u 'P mar-rikors guramentat promutur).

4. ILLI Raymond Mifsud (hu l-intimat rikonvenzjonant) gie nieqes fl-24 ta' Frar 2017 u s-successjoni tieghu hi regolata b'testment in atti Nutar Dottor Patricia Vella Haber tas-17 ta' Dicembru 2014 (Vide Dok 'Ġ’, 'G' u ‘Ħ’ mar-rikors guramentat promutur).

5. ILLI bejn il-kontendenti fadal assi ereditarji ta' Giorgio u Salvina konjugi Mifsud illi ghadhom ma gewx debitament divizi skond il-Ligi stante li r-rikorrenti rikonvenzjonati mhux biss ma riedux divizjoni shiha izda qedin ukoll icahhdu lill-eccipjenti rikonvenzjonanti mis-sehem tieghu skond il-Ligi.

6. ILLI l-esponenti jixtieq illi l-assi ereditarji kollha ta' Giorgio u Salvina konjugi Mifsud jigu debitament likwidati u divizi skond il-Ligi u t-testmenti sudetti.

7. ILLI skond l-ahhar testment tad-defunta Salvina Mifsud tat-23 ta' Gunju 2004 in atti Nutar Dottor Patricia Vella Haber hemm stipulat fir-Raba' Artikolu illi "*fil-kaz li xi wiehed mill-eredi taghha jittanta jimpunja dan it-testment jew jipprova jirriducih fi kwalunkwe parti tieghu jew inkella ifittex lill-eredi l-ohra bil-Qorti in konnessjoni mal-eredita' tat-testatrici jew bi kwalunkwe mod iehor kontenzjuz jostakola l-ezekuzzjoni pacifika ta' kwalunkwe parti ta' dan it-testment, min jaghmel ghandu jiddekadi ipso facto' minn kwalunkwe beneficcju lilu derivat minn dan it-testment u ma jikkonsegwix hag'ohra mill-eredita' tat-testatrici hlief il-legittima dovuta lilu skond il-Ligi*".

8. ILLI r-rikorrenti rikonvenzjonati vvjolaw id-disposizzjoni testamentarja sudetta fit-testment tad-defunta Salvina Mifsud tat-23 ta' Gunju 2004 in atti Nutar Dottor Patricia Vella Haber u konsegwentement iddekadew minn kull jedd li huma kellhom bis-sahha tal-istess testment tad-defunta Salvina Mifsud tat-23 ta' Gunju 2004 in atti Nutar Dottor Patricia Vella Haber u kwindi ma jikkonsegwix lilhom hag' ohra mill-eredita' tat-testatrici hlief il-legittima dovuta lilhom skond il-Ligi u dan ai termini tal-istess testment.

9. ILLI ghalhekk kellha tigi intavolata din il-kontro-talba.

**Ghaldaqstant** l-esponenti qieghed, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi:

**1.** Tillikwida l-assi ereditarji tal-imsemmija Giorgio u Salvina konjugi Mifsud okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

**2.** Taqsam u tiddividi l-assi ereditarji tad-defunt Giorgio Mifsud li hemm inkomun bejn il-kontendenti skond il-kwoti

spettanti lill-kontendenti skond il-ligi u t-testment sudett u tassenja l-porzjoni relattiva lill-kull wiehed mill-kontendenti skond is-sehem tieghu/taghha;

**3.** Tordna u Tiddikjara illi r-rikorrenti rikonvenzjonati vvjolaw id-disposizzjoni testamentarja kontenuta fir-Raba' Artikolu tat-testment tad-defunta Salvina Mifsud tat-23 ta' Gunju 2004 in atti Nutar Dottor Patricia Vella Haber u konsegwentement iddekadew minn kull jedd li huma kellhom bis-sahha tal-istess testment tad-defunta Salvina Mifsud tat-23 ta' Gunju 2004 in atti Nutar Dottor Patricia Vella Haber u kwindi ma jikkonsegwix lilhom hag' ohra mill-eredita' tat-testatrici hlief il-legittima dovuta lilhom skond il-Ligi u dan ai termini tal-istess testment.

**4.** Torda illi l-assi appartenenti lid-defunta Salvina Mifsud jigu reintegrati mill-gdid fil-massa ereditarja tal-istess Salvina Mifsud; filwaqt li tordna u tiddikjara illi l-istess assi ereditarji ta' Salvina Mifsud iddevolvew favur l-eccipjenti rikonvenzjonanti filwaqt illi atturi rikonvenzjonati imisshom biss is-sehem riservat mill-istess assi ereditarji ta' Salvina Mifsud u konsegwentement tassenja l-istess assi ereditarji ta' Salvina Mifsud favur l-eccipjenti rikonvenzjonanti filwaqt li tillikwida s-sehem rizervat spettanti lil kull wiehed u wahda mill-atturi rikonvenzjonati mill-assi ereditarji tal-istess Salvina Mifsud u dan kollu in segwitu ta' u konsegwenzjalment ghat-talba numru tlieta (3) precedenti.

**5.** Tinnomina Nutar Pubbliku ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt/i kollha relattivi li fihom jinkorporaw l-effetti kollha tas-sentenza eventwalment mghotija u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess kuntratt/i;

6. Tordna jekk ikun il-kaz il-bejgh b'licitazzjoni ta dawk l-assi li m'humiex komodament divizibbli, bl-ammissjoni ta' offerenti estranei taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni u lir-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti skond is-sehem relattiv ta' kull parti kif talvolta determinat fit-talbiet precedenti;

7. Taghti kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti rikonvenzjonati, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta tar-rikorrenti rikonvenzjonanti li taqra kif isegwi:

'It-talbiet tal-konvenut rikonvenjent ghandhom jigu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess u dan għar-raġunijiet segwenti jew liema minnhom:

**Fl-ewwel lok**, kien il-konvenut rikonvenjent li ostakola l-eżekuzzjoni paċifika tat-testment ta' ommu, meta f'mument minnhom u wara li kien diga aċċetta l-wirt u qasam parti minnu mal-kontendenti l-ohra, ma baqax sodisfatt b'dak li ħallietlu ommu fit-testment aħħari tagħha, b'mod li ma ħalla lill-esponenti ebda alternattiva li jew parti mill-wirt tibqa' ndiviża, inkella jissokkombu għat-talbiet inġustifikati tieghu. Issa jrid jikkonverti l-ostakolu minnu maħluq f'benefiċċju addizzjonali għalih, f'tentattiv ġdid u ulterjuri biex jipperċepixxi aktar mill-wirt ta' ommu milli riedet tħallilu hi.

**Fit-tieni lok**, mingħajr preġudizzju għall-premess, ma sehhet l-ebda vjolazzjoni mill-esponenti kif pretiż mill-konvenut rikonvenjent, li incidentalment minn naħa tiegħu għazel li

jintavola talba rikonvenzjonali, fil-persistenza tiegħu li jkompli jagixxi kontra x-xewqa ta' ommu kif kontenuta fit-testment.

**Fit-tielet lok**, it-talbiet rikonvenzjonali sa fejn inkompatibbli mat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur intavolat mill-atturi rikonvenuti u li bih inbdiet din il-kawża, għandhom jiġu respinti billi manifestament mhux meritati.

**Fir-raba' lok**, it-talbiet tal-konvenut rikonvenjent huma mill-bqija infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut rikonvenjent, u b'riserva li l-esponenti jressqu kull eċċezzjoni ulterjuri illi jistghu jkunu talvolta awtorizzati jressqu skont il-liġi, u mingħajr preġudizzju ghal kull jedd tal-esponenti fil-konfront tar-rikorrenti.'.

Rat l-affidavits, xhieda, certifikati tal-mewt, ricerki testamentarji, testmenti, ittri, statements, ritratti, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-18 ta' Ottubru, 2018 Dr Keith Borg ghar-rikorrenti, in vista tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Martin Mifsud iddikjara li fid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat, Joseph Mifsud kien prezenti f'Malta u rat li Dr Noel Bartolo in vista tad-dikjarazzjoni ta' Dr Borg irtira l-ewwel eccezzjoni preliminari;

Rat in-nota tal-intimat Martin Mifsud a fol. 81 tal-process fejn permezz taghha nforma lill-Qorti li l-assi ereditarji li ghadhom ma gewx debitament divizi u hemm kontestazzjoni dwarhom jikkonsistu fl-arja u l-komun tal-blokka ta' appartamenti bin-numru 43, St Joseph Flats, fi Triq il-Bajjada, Qormi, Malta u dan bla pregudizzju ghall-kontro-talba;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat nhar is-17 ta' Frar, 2020 fejn permezz tieghu talbu l-isfilz tal-affidavit tan-Nutar Tonio Spiteri, rat ir-risposta tal-intimat u rat id-digriet taghha moghti fid-9 ta' Gunju, 2020 fejn stante li n-Nutar Tonio Spiteri jirrizulta li jiehu hsieb il-wirt ghan-nom tal-intimat din il-Qorti cahdet it-talba;

Rat illi fil-verbal datat 30 ta' Novembru, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**<u>Fatti:</u>**

Illi din hija kawza kontenenti talba ghad-divizjoni tad-depoziti bankarji rimanenti tal-mejtin Giorgio Mifsud u martu Salvina xebba Camilleri li mietu fit-13 ta' Jannar, 2004 u fit-2 ta' Gunju, 2016 rispettivament.

Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu li jigu divizi dawk id-depoziti bankarji rimanenti ntestati f'isem Giorgio u Salvina konjugi Mifsud bejn il-kontendenti skont il-kwota rispettiva taghhom. Talbu wkoll li l-Qorti tordna u tawtorizza li d-depoziti bankarji skont kif divizi in segwitu ghall-ewwel talba, jigu zbankati mill-kontendenti skont il-kwota hemm stabbilita', minghajr il-htiega ta' awtorizzazzjoni ulterjuri minghand il-kontendenti l-ohra, mill-banek jew istituzzjonijiet finanzjarji, li maghhom jirrizulta li huma depozitati l-flus.

L-intimat Martin Mifsud ressaq l-eccezzjonijiet tieghu permezz ta' risposta guramentata datata il-25 ta' Gunju, 2018 a fol. 62 *et seq* tal-process, kif ukoll ressaq kontro-talba a fol. 65 *et seq* tal-process. Fir-risposta guramentata tieghu l-intimat eccepixxa preliminarjament l-irritwalita' tar-rikors guramentat stante li jirrizulta li r-rikorrent Joseph Mifsud huwa assenti minn dawn il-gzejjer. Preliminarjament ukoll eccepixxa li l-kawza mhux f'lokha u ma kinitx mehtiega peress li huwa qatt m'oppona li l-qasma tal-wirt issir b'mod bonarju purche' din issir b'mod shih u skond il-ligi u t-testmenti. Sostna li kienu r-rikorrenti li ma riedux li l-qasma ssir b'mod shih u wkoll li qeghdin icahhdu lilu mis-sehem tieghu skont il-ligi u ghalhekk jghid li ser jipprevalixxi mid-dritt moghti taht il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u jipprezenta kontro-talba. L-intimat Martin Mifsud eccepixxa wkoll li qabel issir divizjoni u qasma ghandha l-ewwel tigi stabbilita u komposta l-massa ereditarja intiera tad-defunti. Finalment eccepixxa li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Fil-konto-talba tieghu l-intimat Martin Mifsud jsostni li bejn il-kontendenti ghad hemm assi ereditarji tal-mejtin Giorgio u Salvina konjugi Mifsud li ghadhom ma gewx divizi skont il-Ligi stante li r-rikorrenti mhux biss ma ridux li jkun hemm divizjoni shiha, izda qeghdin icahhduh mis-sehem tieghu skont il-ligi. L-intimat talab ghalhekk li jigu likwidati l-assi ereditarji tal-imsemmija Giorgio u Salvina konjugi Mifsud, li l-Qorti taqsam u tiddividi l-assi ereditarji tad-defunt Giorgio Mifsud li hemm in komun skont il-kwoti rispettivi tal-partijiet skont il-ligi u t-testment u tassenja l-porzjoni relattiva lil kull wiehed mill-kontendenti skont is-sehem tieghu/taghha. Talab ukoll li l-Qorti tordna u tiddikjara li r-rikorrenti rikonvenzjonati vvjolaw id-disposizzjoni testamentarja kontenuta fir-Raba' Artikolu tat-

testment ta' Salvina Mifsud tat-23 ta' Gunju, 2004 fl-atti tan-Nutar Patricia Vella Haber u ghalhekk iddekadew minn kull jedd li huma kellhom bis-sahha tal-istess testment tad-defunta Salvina Mifsud u ghalhekk jispetta lilhom il-legittima skond il-Ligi u ai termini tal-imsemmi testment. L-intimat Mifsud talab li l-assi appartenenti lid-defunta Salvina Mifsud jigu reintegrati mill-gdid fil-massa ereditarja tal-istess Salvina Mifsud u l-Qorti tordna u tiddikjara li l-istess assi ddevolvew favorih filwaqt li r-rikorrenti jmisshom biss is-sehem riservat u ghalhekk tassenja l-assi ereditarji ta' Salvina Mifsud lill-intimat u tillikwida s-sehem riservat spettanti lil kull wiehed u wahda mir-rikorrenti rikonvenzjonati u dan in segwitu u konsegwentament ghat-talba numru tlieta. Talab li l-Qorti tinnomina Nutar Pubbliku ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt/i kollha relattivi u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci. Finalment talab ukoll il-bejgh b'licitazzjoni jekk ikun il-kaz ta' dawk l-assi li m'humiex komodament divizibbli, bl-ammissjoni ta' offerenti estranei u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti skont is-sehem relattiv ta' kull wiehed u wahda minnhom.

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti kollha, ghajr ghal Mary Grace Mifsud li dahlet fix-xena bhala eredi universali tal-mejjet zewgha Raymond Mifsud u l-intimat huma lkoll ahwa, ulied il-mejtin Giorgio Mifsud u Salvina xebba Camilleri.

Illi jirrizulta li Giorgio Mifsud miet fit-13 ta' Jannar, 2004 (ara certifikat tal-mewt a fol. 7 tal-process). Mill-atti jorog li huwa rregola l-wirt u successjoni tieghu b'testment *unica charta* ma' martu Salvina Mifsud datat 23 ta' Gunju, 2003 fl-atti tan-Nutar Patricia Vella Haber (ara ricerki testamentarji u testment a fol. 8 *et seq* tal-process). Bit-testment *unica charta* Giorgio Mifsud halla b'titolu ta' legat kwart indiviz tal-gid kollu tieghu in piena proprjeta' kif ukoll l-uzufrutt fuq ir-rimanenti tlett kwarti ndivizi

lil martu Salvina Mifsud. Fit-tieni artikolu halla numru ta' prelegati in piena proprjeta' a favur is-sitt (6) uliedu u fit-tielet artikolu stitwixxa bhala werrieta universali tieghu lill-istess sitt (6) uliedu. Bhala l-hames artikolu huwa ddispona billi ordna li fil-kaz li xi wiehed mill-eredi tieghu jittenta jimpunja t-testment jew jipprova jirriducih fi kwalunkwe parti tieghu, jew inkella ifittex lill-eredi l-ohra bil-Qorti in konnessjoni mal-eredita' tat-testaturi jew bi kwalunkwe mod iehor kontenzjuz jostakola l-ezekuzzjoni pacifika tat-testment jiddekadi 'ipso facto' mill-beneficcju derivat mit-testment u ma jikkonsegwix xi haga ohra ghajr il-legittima dovuta lilu skont il-ligi.

Illi mbaghad Salvina Mifsud mietet fit-2 ta' Gunju, 2016 (ara certifikat tal-mewt a fol. 25 tal-process). Jirrizulta li Salvina Mifsud irregolat il-wirt u successjoni taghha permezz ta' testment datat 23 ta' Gunju, 2004 fl-atti tan-Nutar Patricia Vella Haber (ara ricerki testamentarji u testment a fol. 26 *et seq* tal-process). Prattikament ghajr ghal parti zghira relatata mal-legat mholli lill-zewgha, it-testment ta' Salvina Mifsud tat-23 ta' Gunju, 2004 huwa l-istess bhal dak li kellha precedentement fil-forma *unica charta* ma' zewgha Giorgio Mifsud. A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghal dak indikat fil-paragrafu precedenti.

Illi nhar l-24 ta' Frar, 2017 jirrizulta li miet ukoll Raymond Mifsud iben Giorgio u Salvina konjugi Mifsud (ara certifikat tal-mewt a fol. 44 tal-process). Raymond Mifsud irregola l-wirt u successjoni tieghu b'testment datat 17 ta' Dicembru, 2014 fl-atti tan-Nutar Patricia Vella Haber fejn huwa nnomina u istitwixxa bhala eredi universali tieghu lil martu Mary Grace Mifsud (ara ricerki testamentarji u testment a fol. 45 *et seq* tal-process).

Jirrizulta lill-Qorti li bejn il-partijiet m'hemmx qbil x'fadal bhala assi ereditarji tal-mejtin Giorgio u Salvina konjugi Mifsud ghad-

divizjoni. Filwaqt li da parte tar-rikorrenti jsostnu li kull m'ghad fadal ghad-divizjoni huma biss xi depositi bankarji, filwaqt li l-intimat isostni li apparti d-depositi bankarji, hemm arja u komun ta' blokka ta' appartamenti fi Triq tal-Bajjada, Qormi x'jigu divizi. Minhabba dan in-nuqqas ta' qbil kellha tigi ntavolata din il-kawza. Il-Qorti ser tghaddi sabiex taghmel il-kunsiderazzjonijiet kollha necessarji fir-rigward.

**Kunsiderazzjonijiet:**

**L-ewwel eccezzjoni preliminari:**

Illi fl-ewwel eccezzjoni preliminari l-intimat jeccepixxi l-irritwalita' tar-rikors guramentat in kwantu r-rikorrent Joseph Mifsud huwa assenti minn dawn il-gzejjer.

Fil-verbal tat-18 ta' Ottubru, 2018 a fol. 75 tal-process Dr Keith Borg ghar-rikorrenti ddikjara li fid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat, Joseph Mifsud kien prezenti f'Malta. Sussegwentament Dr Bartolo fl-istess verbal in vista tad-dikjarazzjoni irtira l-ewwel eccezzjoni.

Il-Qorti tinnota li malgrad li din l-eccezzjoni giet irtirata, l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu xorta nsista fuq din l-eccezzjoni u jiddikjara li ma ngabet l-ebda prova b'mod iehor b'dan li meta gie pprezentat u bil-mod kif jiffigura l-okkju tal-kaz kien null.

Illi l-Qorti tinnota li la darba l-eccezzjoni giet irtirata r-rikorrenti ma kellhom l-ebda obbligu li jressqu xi prova ulterjuri dwar il-prezenza ta' Joseph Mifsud f'dawn il-gzejjer dakinhar tal-prezentata tar-rikors guramentat. La darba l-eccezzjoni giet irtirata ma hemm xejn aktar x'jigi deciz dwarha mill-Qorti.

**<u>It-tieni eccezzjoni preliminari:</u>**

Illi fit-tieni eccezzjoni preliminari l-intimat Martin Mifsud jeccepixxi li m'hemmx dubju li din il-kawza hija ghal kollox mhux f'lokha u ma kenitx mehtiega peress illi l-eccipjenti qatt ma oppona li l-qasma tal-wirt issir b'mod bonarju purche' din issir b'mod shih u skont il-Ligi u t-testmenti in kwistjoni u kulhadd jiehu dak li haqqu. Isostni li r-rikorrenti ma ridux qasma b'mod shiha u di piu` riedu jcahhduh mis-sehem tieghu skond il-Ligi.

Illi l-Qorti minhabba li fin-natura taghha din l-eccezzjoni bilfors tidhol f'analizi tal-mertu tal-kawza tqis li jkun opportun li din l-eccezzjoni ghandha tigi deciza mal-mertu.

**<u>L-ewwel talba tar-rikors promotur u l-ewwel u t-tieni talba tal-kontro-talba:</u>**

Illi permezz ta' l-ewwel talba r-rikorrenti qeghdin jitolbu li jigu divizi d-depoziti bankarji kollha rimanenti intestati f'isem Giorgio u Salvina konjugi Mifsud skont il-kwota rispettiva ta' kull wiehed u wahda mill-kontendenti.

Illi l-intimat, fl-ewwel talba tal-kontro-talba jitlob li jigu likwidati l-assi ereditarji ta' Giorgio u Salvina konjugi Mifsud. Fit-tieni talba tal-kontro-talba jitlob li jigu divizi l-assi ereditarji tad-defunt Giorgio Mifsud li hemm in komun bejn il-kontendenti skont il-kwota spettanti skont il-ligi u t-testment.

Ghalhekk f'dan l-istadju l-Qorti ser tibda billi tistabbilixxi x'inhuma l-assi ereditarji tal-mejta Giorgio u Salvina konjugi Mifsud salv il-kwistjoni dwar l-arja bejn il-partijiet u l-allegazzjoni li r-rikorrenti ddekadew mill-wirt ta' ommhom.

**Depoziti bankarji:**

Fil-mori tal-kawza gew prodotti diversi rapprezentanti ta' banek minn fejn irrizulta li l-unici depoziti bankarji li ghadhom ezistenti huma fuq isem id-defunta Salvina Mifsud u jinsabu mal-HSBC Bank Malta plc. Dwar dan kien hemm qbil bejn il-partijiet li d-depositi bankarji rimanenti huma mizmuma mal-HSBC Bank Malta plc u li ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet kollha fi kwoti ugwali bejniethom dejjem salv il-kontro-talba. L-intimat fil-kontro-ezami tieghu a fol. 233 *et seq* tal-process jghid li huwa rrezista milli jiffirma sabiex isir l-izbank tal-flus imsemmija peress li huma qed iqisihom bhala garanzija fl-eventwalita' li jkun hemm bzonn ta' xi hlasijiet bejn il-partijiet fil-kaz li l-arja u l-partijiet komuni fi blokk ta' appartamenti fi Triq il-Bajjada, Qormi jigu dikjarati li huma tal-eredi kollha u mhux tal-legatarji li gew assenjati lilhom l-appartamenti. Il-kwistjoni tal-arja u l-partijiet komuni ser tigi trattata fis-sezzjoni li gejja.

Illi dawn id-depoziti bankarji gew indikati mir-rapprezentant tal-bank Alison Mifsud Brimmer fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2019 a fol. 95 *et seq* u bazikament jikkonsistu fis-segwenti:

i. 023061906050 infetah fid-29 ta' Ottubru, 1992 – €30,852.39;
ii. 023061906102 infetah fil-11 ta' April, 2007 – €8,341.39;
iii. 054037999001 infetah fl-24 ta' Novembru, 2003 – €10,130.86;
iv. 054037999100 infetah fit-23 ta' Lulju, 2010 - €30,167.29.

Total ta: €79,491.93.

**Proprjeta' mmobbli:**

Illi m'hemmx qbil bejn il-partijiet dwar il-proprjeta' mmobbli in divizjoni. Ir-rikorrenti jsostnu li l-unika assi rimanenti x'jigu divizi kienu d-depoziti bankarji (indikati fil-paragrafu precedenti), da parti tieghu l-intimat isostni li apparti dawk, hemm ukoll il-partijiet komuni u l-arja tal-blokk ta' appartamenti bin-numru 43, St Joseph fi Triq il-Bajjada, Qormi. L-argument primarju tal-intimat huwa li la darba l-partijiet komuni u l-arja ma gewx inkluzi fil-legat imholli lill-Anna Maria Massa u Miriam Spiteri, dawn ghadhom mizmuma in komun bejn l-eredi kollha.

Illi minn qari akkurat taz-zewg testmenti tat-23 ta' Gunju, 2003 ta' Giorgio Mifsud u dak tat-23 ta' Gunju, 2004 ta' Salvina Mifsud, wiehed facilment jikkonkludi li huwa car li l-intenzjoni tat-testaturi kienet li ssir divizjoni ta' l-immobbli tramite l-uzu ta' prelegati b'dana li ebda proprjeta' mmobbli ma tithalla barra. Il-Qorti tifhem u tqis li l-ghan tad-decujus wara dan kollu kien sabiex il-partijiet ikunu jafu x'imisshom u hadd ma' jibqa fi stat ta' komproprjeta' ma' legatarji/eredi ohra. In fatti minn ezami tal-legati jirrizulta li kull wiehed u wahda mil-legatarji nghataw proprjeta' distinta u separata u kulhadd kien jaf fejn hi l-proprjeta' tieghu. Ghall-ebda wahda mill-proprjetajiet msemmija ma qaghdet tissemma l-arja mid-decujus.

Illi l-insenjament ta' dawn il-Qrati f'materja ta' interpretazzjoni ta' testmenti in generali jinkludi s-segwenti:

> 'a) Huwa principju assolut kif imfisser mir-Ricci u fuq l-awtorità ta' bosta sentenzi illi "ciò che interessa di stabilire quale sia stata l'intenzione del testatore, ed in questa indagine il magistrato, anziche attinersi strettamente alle parole usate dal disponente, può risalire al pensiero che ha dominato la sua disposizione.' (Vol. XXIX p.I.p.394).
> 'b) Billi hu kompitu tal-gudikant li jinterpreta t-testmenti

(Vol.XXXVIII p.II p.599), sabiex jinterpreta tajjeb disposizzjoni testamentarja, huwa jehtieglu jippenetra l-intenzjoni legittima tat-testatur li hi l-ligi li tirregolaha.' (Vol.XVL p.I p.661).

'c) Fl-interpretazzjoni ghandu jittiehed rigward pjuttost ghall-volontà tat-testatur milli ghall-kliem:–'i testamenti si debbono interpretare non secondo il senso letterale delle parole ma secondo il loro intrinsico contesto.'' (Vol. XXVII p.II p.58).

'd) Jinsab in effetti enuncjat il-principju illi 'trattandosi di un atto di ultima volontà l'attenzione viene sempre richiamata a due indagini, cioè quanto al potere legittimo del disponente, e alla sua volontà, onde non contrasta la prima, la quistione si riduce e si concentra alla sua volontà dominante dei disponenti, conseguemente una severa ed accurata ricerca, a potere conchludere che cosa i disponenti abbiano inteso e voluto.' (Vol. X p. 457).

Il-legati li kawza taghhom inholqot din il-kwistjoni jaqraw kif isegwi:

'(e) bintha Miriam Spiteri mart John, bis-sostituzzjoni volgari favur ulieda f'kaz ta' premorienza ghat-testatrici, kwalsiasi sehem illi hija jista'' jkollha fil-gurnata ta' mewtha: (i) mill-flat numru wiehed (1) fi blokk ta' flats li jgib in-numru tlieta u erbghin (43), bl-isem "Saint Joseph Flats", fi Triq tal-Bajjada, Qormi; …

(f) bintha Anna Maria Massa, mart Robert, bis-sostituzzjoni volgari favur uliedha f'kaz ta' premorienza ghat-testatrici, kwalsiasi sehem illi hija jista'' jkollha fil-gurnata ta' mewtha: … (ii) mill-flat numru tnejn (2) fi blokk ta' flats li jgib in-

numru tlieta u erbghin (43), bl-isem "Saint Joseph Flats", fi Triq il-Bajjada, Qormi.'.

Din il-Qorti wara li fliet il-legati mhollija lil Anna Maria Massa u Miriam Spiteri u fl-isfond tal-insenjament tal-Qrati taghna, fir-rigward l-interpretazzjoni ta' testmenti tqis li hija cara l-intenzjoni tat-testaturi li l-arja tal-appartamenti u l-partijiet komuni tal-istess jkunu jiffurmaw parti integrali mal-legati taz-zewg appartamenti li gew imhollija lil Miriam Spiteri u Anna Maria Massa u dan ghas-segwenti ragunijiet:

i. minn harsa lejn iz-zewg testmenti jirrizulta li t-testaturi qasmu l-immobbli bl-intent li jissimplifikaw l-affarijiet u jevitaw glied bejn il-legatarji/eredi. Kjarament la darba l-appartamenti gew assenjati lil Anna Maria Massa u Miriam Spiteri, l-intenzjoni tat-testaturi kienet li l-arja u l-partijiet komuni jmorru maghhom. Il-Qorti temmen li t-testaturi naqsu li jsemmju l-arja u l-partijiet komuni fir-rigward tal-proprjeta kollha nkluza fit-testmenti, mhux biss l-appartamenti, semplicement minhabba nuqqas ta' gharfien u xejn aktar.

Il-Qorti tinnota wkoll li l-intenzjoni tat-testaturi tista' tigi wkoll dezunta mill-legat imholli miz-zewg genituri lil Raymond Mifsud. Dan qieghed jinghad peress li lil Raymond Mifsud gie moghti l-hanut bin-numru 109 flimkien mal-fond urban sovrapost bin-numru 111 fi Triq id-Duluri, Hamrun. It-testaturi ghazlu li jaghtu fond shih u mhux jispezzettaw l-immobbli bil-konsegwenza li joholqu kwistjonijiet. Maghdud ma dan, ghalkemm ma giex indikat li dan il-fond urban inghata bl-arja b'kollox, l-ebda kwistjoni ma qamet fuq dan il-fond ghaliex il-fond inghata b'kollox. L-istess sehh bil-proprjeta moghtija b'legat lill-intimat.

ii. indikazzjoni cara li l-bejt/arja kienet meqjusa bhala parti ntegrali mill-appartamenti huwa l-fatt li l-bejt gie maqsum mit-testatur Giorgio Mifsud snin qabel billi gie diviz f'zewg partijiet sabiex kull appartament jaghmel uzu minn parti diviza tal-bejt (ara ritratt a fol. 278 tal-process).

iii. dwar il-partijiet komuni l-ohra certament hadd ma jista' jinnega li Anna Maria Massa u Miriam Spiteri ghandhom dritt ta' access mill-partijiet komuni. Fil-fehma tal-Qorti l-intenzjoni tat-testaturi kienet li dawn jaghmlu parti integrali mal-appartamenti u l-fatt li ma gewx indikati fil-legat saret minhabba nuqqas ta' gharfien u bi zvista.

iv. il-fatt li l-intimat Martin Mifsud ghazel li ma jghid xejn dwar din l-kwistjoni tal-arja u partijiet komuni wara l-mewt tat-testatur Giorgio Mifsud tant li ffirma d-dikjarazzjoni *causa mortis* u l-immissjoni fil-legat fl-14 ta' Mejju, 2004 minghajr tlaqliq (ara dikjarazzjoni *causa mortis* u kontestwalment immissjoni fil-pussess a fol. 119 *et seq* tal-process). Il-Qorti ma tistax ma tinnutax li l-intimat halla l' fuq minn tnax-il (12) sena sabiex wara l-mewt ta' ommu jitkellem u jissolleva din il-kwistjoni.

v. fuq kollox id-decujus Salvina Mifsud halliet fil-legat taghha kull sehem li jista' jkollha fl-appartamenti b'dan li minn dan johrog ukoll car li d-decujus f'mohha kellha mhux biss l-appartamenti per se izda wkoll dak kollu li jigi maghhom u cioe' l-komun u l-bejt. Hareg car mill-provi migbura li l-komun u l-bejt dejjem gew ikkunsidrati mid-decujus bhala parti wahda integrali mal-appartamenti u l-Qorti hija certa li dan kien li kellhom f'mohhom id-decujus meta gew redatti t-testmenti.

Illi fid-dawl tar-ragunijiet suespost il-Qorti tqis li l-arja u l-partijiet komuni tal-blokk ta' appartamenti 43, St Joseph fi Triq il-Bajjada,

Qorti m'humiex parti mill-assi in divizjoni izda huma appartanenti lill-legatarji tal-appartamenti u ghalhekk ser tghaddi sabiex tikkunsidra unikament id-depoziti bankarji ghal dak li huma assi in divizjoni rimanenti.

**Ishma tal-partijiet:**

Illi kif gia riportat jirrizulta li l-assi in komun huma depoziti bankarji tal-HSBC Bank Malta plc intestati fuq isem Salvina Mifsud u dan kif jirrizulta mill-istatements a fol. 96 *et seq* tal-process fit-total ta' €79,491.93. Fit-termini tat-testment tat-23 ta' Gunju, 2004 fl-atti tan-Nutar Patricia Vella Haber johrog li l-ishma li kull parti ghandha fl-imsemmija depoziti bankarji huma s-segwenti:

| | |
|---|---|
| (1) Carmen Castillo | 1/6 |
| (2) Mary Grace Mifsud (mart Raymond Mifsud) | 1/6 |
| (3) Anna Maria Massa | 1/6 |
| (4) Miriam Spiteri | 1/6 |
| (5) Joseph Mifsud | 1/6 |
| (6) Martin Mifsud | 1/6 |

**It-tielet u r-raba' talba tal-kontro-talba:**

Illi f'dan l-istadju l-Qorti ser tghaddi sabiex tinvestiga jekk effettivament bl-intavolar tal-kawza odjerna r-rikorrenti Carmen Castillo et ghandhom jigu meqjusa li vvjolawx id-disposizzjonijiet testamentarji kontenuti fir-Raba' Artikolu tat-testment tal-mejta Salvina Mifsud tat-23 ta' Gunju, 2004 fl-atti tan-Nutar Patricia Vella Haber. Dan ghaliex, jekk effettivament jirrizulta li r-rikorrenti vvjolaw id-disposizzjonijiet testamentarji, id-divizjoni tal-assi trid issir b'mod diverz billi r-rikorrenti jkunu ntitolati biss ghal porzjon riservat.

Illi din il-kwistjoni giet imqanqla mill-intimat Martin Mifsud fil-kontro-talba fejn bazikament fit-tielet talba talab li l-Qorti tordna u tiddikjara li r-rikorrenti rikonvenzjonati vvjolaw id-disposizzjonijiet testamentarji tal-mejta Salvina Mifsud tat-23 ta' Gunju, 2004 fl-atti tan-Nutar Patricia Vella Haber u konsegwentament dejjem skont l-intimat iddekadew minn kull jedd li huma kellhom bis-sahha tal-istess testment u kwindi jsegwi li huma ntitolati biss ghal-legittima dovuta lilhom skont il-Ligi u ai termini tal-istess testment.

Ir-rikorrenti rikonvenzjonati laqghu ghal dan billi fl-ewwel eccezzjoni eccepew li kien l-istess intimat rikonvenjent li ostakola l-ezekuzzjoni pacifika tat-testment ta' ommu, meta wara li kien diga accetta l-wirt u qasam parti minnu mal-kontendenti l-ohra ma baqax sodisfatt b'dak li hallietlu u ma halla l-ebda alternattiva lir-rikorrenti rikonvenzjonati li jew ihallu parti mill-wirt tibqa' ndiviza jew inkella jissokkombu ghat-talbiet ingustifikati tieghu.

Illi r-raba' artikolu tat-testment ta' Salvina Mifsud li gie esebit a fol. 41 *et seq* tal-process jaqra kif isegwi:

> ' <u>Ir-Raba' Artikolu</u>
>
> It-testatrici trid u espressament tordna illi fil-kaz illi xi wiehed mill-eredi taghha jittanta jimpunja dan it-testment jew jipprova jirriducih fi kwalunqwe parti tieghu, jew inkella ifittex lill-eredi l-ohra bil-Qorti in konessjoni ma' l-eredita' tat-testatrici jew bi kwalunkwe mod iehor kontenzjuz jostakola l-ezekuzzjoni pacifika ta' kwalunkwe parti ta' dan it-testment, min jaghmel dan ghandu jiddekadi "ipso facto" minn kwalunkwe beneficcju lilu derivat minn

dan it-testment u ma jikkonsegwix hag'ohra mill-eredita' tat-testatrici hlief il-legittima dovuta lilu skond il-ligi.'.

Illi r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jargumentaw li disposizzjonijiet testamentarji simili ghandhom jigu applikati b'kawtela. Sostnew li jekk huma jigu zvestiti minn dak li hu taghhom u jekk ma jinqasmux il-flejjes kif xieraq ironikament tkun qieghda tigi disrispettata r-rieda tat-testaturi. Isostnu li l-intimat qieghed jittenta jinqeda bi klawsola intiza sabiex tassigura li tigi esegwita l-intenzjoni tat-testaturi proprju sabiex l-intenzjoni tat-testaturi ma timmaterjalizzax.

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa d-disposizzjoni testamentarja fir-raba' artikolu u tinnota li huwa car li l-ghan ahhari wara din id-disposizzjoni kien li hadd mill-eredi ma' jaqla nkwiet u kulhadd jimxi ma' dak dispost fit-testment. Fil-fatt id-decujuz dahlu f'hafna dettal fid-disposizzjonijiet taghhom sabiex kemm jista' jkun jevitaw kull tip ta' nkwiet bejn uliedhom. Il-kwistjoni ghalhekk hija jekk bl-intavolar tal-kawza odjerna – li tittratta talba ghad-divizjoni tar-rimanenti depoziti bankarji, tammontax ghal wahda minn dawk ic-cirkostanzi elenkati fir-raba' artikolu.

Illi jirrizulta li l-unika cirkostanza fejn il-kawza odjerna tista b'xi mod tikklassifika bhala wahda minn dawk ir-ragunijiet ta' dekadenza elenkati fir-raba' artikolu hija dik li taqra '*…jew inkella ifittex lill-eredi l-ohra bil-Qorti in konessjoni ma' l-eredita' tat-testatrici…*'. Il-Qorti tirrileva li huwa minnu li effettivament kienu r-rikorrenti li bdew dawn il-proceduri bil-Qorti sabiex issir id-divizjoni tad-depositi bankarji rimanenti. Madanakollu, mill-banda l-ohra, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li dan kellu jsir unikament kawza tal-agir tal-intimat Martin Mifsud. L-intimat, qabel ma giet intavolata l-kawza qajjem l-argument ma' hutu li skont hu la darba fit-testment ma gewx indikati l-arja u l-partijiet

komuni tal-blokk ta' appartamenti 43, St Joseph fi Triq il-Bajjada, Qormi, fil-legati mhollija lill-Anna Maria Massa u Miriam Spiteri, allura dawn kienu proprjeta' indivizia tal-eredi kollha. Fl-affidavit tieghu a fol. 142 *et seq* isostni li:

> 'Ghalkemm l-atturi f'din il-kawza qed jghidu li kull ma fadal x'jinqasam huwa l-bank bankarju mal-HSBC Bank dan mhux minnu peress li bejnietna hemm ukoll il-kwistjoni tal-arja u l-komun tal-blokka flats 43, St. Joseph Flats, Triq tal-Bajjada, Qormi, fejn jiena qed nikkontendi li jiena writt sehem ta' 1/6 mill-arja u komun tal-istess blokka. Izda huti l-atturi qedin icahhduni bla ebda raguni minn dan is-sehem.
>
> It-testment in kwistjoni jghid illi huti Miriam Spiteri u Annamaria Massa inghataw b'legat rispettivament u specifikatament il-flat numru wiehed (1) fil-blokka St. Joseph Flats, Triq tal-Bajjada, Qormi lill-Miriam Spiteri u l-flat numru tnejn (2) fil-blokka St. Joseph Flats, Triq tal-Bajjada, Qormi lill-Annamaria Massa, minghajr ma hemm imnizzel ukoll l-arja u l-komun tal-istess blokka li allura baqghet komuni bejn l-eredi kollha u ghalhekk jiena writt sehem sehem ta' 1/6 mill-arja u komun tal-istess blokka.
>
> Jiena kull ma nixtieq huwa li l-assi tal-genituri taghna jigu maqsuma u divizi skond il-Ligi u allura li jiena jmissni wkoll dan is-sehem ta' 1/6 mill-arja u komun tal-blokka St. Joseph Flats, Triq tal-Bajjada, Qormi izda huti qed icahhduni minn dan is-sehem billi jghiduli li jien m'ghandi ebda sehem minn din il-blokka u ftehmu kollha bejniethom kontrija. B'hekk din il-kawza saret minn huti kontrija purament biex icahhduni mis-sehem tieghi skont il-Ligi'.

Kif jidher minn dak li xehed l-intimat Martin Mifsud, ir-rikorrenti gew indotti jipprocedu bil-kawza odjerna stante li l-intimat kien qieghed jinsisti li huwa ghandu 1/6 mill-arja u komun tal-blokk 43, St Joseph fi Triq il-Bajjada, Qormi. L-intimat ikkonferma wkoll fix-xhieda tieghu fl-atti a fol. 234 et seq tal-process li huwa baqa' jirrezisti li jinqasmu l-flus fil-Bank of Valletta formanti parti mill-eredita' ghaliex riedhom jibqghu hemm bhala garanzija f'kaz li jigi dikjarat li l-partijiet komuni u l-bejt huma tal-eredi kollha. Huwa ghalhekk evidenti ghal din il-Qorti li dak li jissottomettu r-rikorrenti huwa minnu u cioe' li l-intimat poggihom f'sitwazzjoni li jew icedu ghall-pretensjoni tieghu li jtuh parti mill-arja u l-komun inkella l-flus ma kienu ser jinqasmu qatt. Tant huwa ovvju li l-intimat qatt ma kien ser jasal ghal ftehim jekk ma jiehux dak li beda jsostni li li anki fil-kawza odjerna proceda b'kontro-talba fejn *inter alia* talab li jigu likwidati l-assi ereditarji tal-mejta Giorgio u Salvina konjugi Mifsud u identifika kjarament il-komun u l-arja tal-appartamenti. Jinsorgi li l-intimat lanqas ma zamm lura milli jipprocedi kontra r-rikorrenti allura bl-argument tieghu huwa wkoll ghandu jitlef l-eredita!

Dan premess, il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell datata 28 ta' Gunju, 1957 fl-ismijiet **Paolo Zammit -vs- Rosa Zammit** ikkwotata mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fejn fir-rigward l-interpretazzjoni ta' klawsoli ta' dekadenza nghad:

> '…tohrog car l-kawtela tal-qrati taghna fil-konsiderazzjoni ta' klawsoli ta din ix-xorti; in partikolari fl-ewwel lok, il-htiega li jassiguraw li klawsola bhal dik ma tkunx kontra l-ligi, kontra l-ordni pubbliku jew kontra l-morali; u fit-tieni lok, fil-htiega li klawsoli bhal dawn jinghataw interpretazzjoni stretta sabiex ikun rispettat dak li ried jikseb it-testatur in kwistjoni.'

Illi l-Qorti taqbel perfettament ma dak li nghad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell u tqis li l-ghan ahhari fl-interpretazzjoni ta' testmenti ghandu dejjem ikun li tigi rispettata ix-xewqa u l-intenzjoni tat-testatur. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost il-Qorti ma tqisx li r-rikorrenti rikonvenzjonati vvjolaw id-disposizzjoni testamentarja kontenuta fir-Raba' Artikolu tat-testment tat-23 ta' Gunju, 2004 fl-atti tan-Nutar Patricia Vella Haber u ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel eccezzjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonati u tichad it-tielet u r-raba' talba tal-kontro-talba ghar-ragunijiet suesposti.

**<u>Il-hames u s-sitt talba tal-kontro-talba:</u>**

Illi l-hames talba titratta n-nomina ta' Nutar Pubbliku ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv sabiex jinkorpora l-effetti tas-sentenza u n-nomina ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci. Filwaqt li s-sitt talba tittratta ordni ghall-bejgh bil-licitazzjoni ta' dawk l-assi li m'humiex komodament divizibbli.

Stante li rrizulta m'hemm l-ebda mmobbli in divizjoni, l-Qorti m'ghandiex ghalfejn tinoltra ruhha oltre f'dawn it-talbiet u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

**Talba**

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat;

2. Tilqa′ l-ewwel talba u tiddividi, d-depożiti bankarji kollha rimanenti, intestati f′isem Salvina Mifsud indikati taht is-sezzjoni ′**Depoziti Bankarji**′ bejn il-kontendenti, skont dik il-kwota ndikata taht is-sezzjoni ′**Ishma tal-partijiet′** b′dan li kull parti hija ntitolata ghas-sehem ta′ 1/6 mis-somma ta′ disa′ u sebghin elf, erba′ mija u wiehed u disghin Euro u tlieta u disghin centezmu (€79,491.93)

3. Tilqa′ t-tieni talba u tordna u tawtorizza illi d-depoziti bankarji skont kif diviżi in segwitu għall-ewwel talba, jigu zbankati mill-kontendenti skont dik il-kwota ndikata taht is-sezzjoni ′**Ishma tal-partijiet:**′ u dan mingħajr il-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni ulterjuri mill-kontendenti l-oħra jew mill-Bank HSBC Bank Malta plc, li magħhom jirriżultaw li huma depozitati l-flejjes mertu ta' din il-kawża;

**Kontro-talba**

Ghar-ragunijiet kollha suesposti, fl-ewwel lok tilqa′ l-ewwel eccezzjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonati u tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tar-rikorrenti rikonvenzjonati biss sakemm dawn huma nkompatibbli ma dak hawn deciz u tghaddi sabiex:

4. Tilqa′ limitatament l-ewwel talba u tillikwida l-assi ereditarji tal-mejta Salvina Mifsud bhala dawk konsistenti f′depositi bankarji hekk kif indikati taht is-sezzjoni ′**Depoziti Bankarji**′, filwaqt li ma jirrizultax li l-mejjet Giorgio Mifsud kien ghad fadallu assi ereditarji in komun;

5. Tichad it-tieni talba stante li ma kienx fadal assi ereditarji in komun tal-mejjet Giorgio Mifsud;

6. Tichad it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant.

Stante li huwa car lil din il-Qorti li din il-kawza kellha ssir unikament minhabba pretensjonijiet futili da parti tal-intimat, l-intimat ghandu jbati l-ispejjez kollha kemm huma tat-talba kif ukoll tal-kontro-talba.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' April, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' April, 2022**